# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 31**

**Citazzjoni Nru: 1622/01E1GV**

**Sado Co. Ltd.**

**Versus**

**Printwell Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' Lm7,259 (sebat elef mitejn disgha u hamsin Lira Maltin) oltre l-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi, migbura f' *statement of account* hawn immarkat document A, u dan ghal materjal ta' l-istampar lilhom mibjugha u kkonsenjati f' dawn l-ahhar xhur.

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas lis-socjeta' attrici ghal dan il-materjal ta' stampar pero' s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) stante li l-ammont fuq imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta'

konvenuta m’ ghandhiex eccezzjonijiet x’ taghti kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-istess ammont, oltre l-fatt illi l-attur jiddikjara li jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici tablet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bis-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ is-somma ta’ Lm7259 oltre l-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi u dan ghal materjal ta’ stampar lilkom mibjugha u kkonsenjati f’ dawn l-ahhar xhur.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-8 t’Ottubru, 2001 u tal-Mandat ta’ Sekwestru.

Rat id-dikjarazzjoni w n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li bih ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**